# Beati u Qaddisin....Settembru

29 ta' Settembru

L-isem Mikiel ifisser "Min hu bhal Alla?" Din kienet l-ghajta tat-taqbida li sehhet fis-sema meta Satana ried ikun daqs u bhal Alla. L-Iskrittura Mqaddsa turi lil l-arkanglu San Mikiel bhala d-difensur kontra l-hallel li jqajjem ix-xitan biex ifixkel lill- bniedem u l-knisja, l-opra t'Alla milli jaqdu lil Altissimu.



Il-Hadd, 24 ta' April, 1994, il-mikbi papa beatu Gwann Pawl II irrakomanda li nitolbu lil dan l-arkanglu difsenur kbir tal-knisja meta qal lill-folla migbura quddiemu:

"Ikun it-talb dik il-qawwa spiritwali li ssostnina kontra t-tfixkil spiritwali li minn zmien ghal zmien iqum kontra l-knisja ta' Kristu. Il-Ktieb tar-Rivelazzjoni jirreferi ghal din il-glieda meta jgibilna quddiem ghajnejna x-xbiha ta' San Mikiel Arkanglu. (Rivelazzjoni Kap 12 vers 7)

Il-Papa Ljun XIII certament kellu vizjoni cara ta' din ix-xena meta kiteb it-talba tant ghaziza lil San Mikiel Arkanglu. Ghalkemm din it-talba ma ghadiex tinghad fi tmiem il-Quddiesa (fil-liturgija antika l-quddiesa dejjem kienet tispicca b'din it-

talba lil San Mikiel) nitolb lil kull wiehed u wahda minnkom biex jirrecitawha halli jeghlbu t-tnassis tax-xitan li fi zminijietna huwa bla qies u mill-aktar ahrax.

*San Mikiel Arkanġlu, idħol għalina fit-taqbida; kun int l-għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis tad-demonju. Irażżnu Alla, nitolbuk bil-ħerqa. Int l-aqwa fost il-qtajja' tas-sema, itfa' bil-qawwa t'Alla, fil-qiegħ ta' l-infern lix-xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien ta' l-erwieħ. Ammen.*